**Kunsill Lokali Paola**

Ref: 34/6/194/14

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 34**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgha 2 ta' April 2014. Il-laqgħa bdiet fil-5:35pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Viċi Sindku Dominic Grima, il-Kunsilliera Raymond Attard, il-Kunsillier Steven Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsillier Tyrone Muscat u l-Kunsilliera Rita Delezio.

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

**1) Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru. 32 tas-Sitt Leġislatura**

1.1. Il-Kunsillier Steven Axisa xtaq iżid mal-punt 2.2 illi fil-laqgħa huwa tenna illi importanti li l-ispejjeż relatati mat-triq imsemmija ikunu *within budget.*

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 33 tas-Sitt Leġislatura**

1.2. Il-Kunsillier Bernard Lynch saqsa dwar is-sistema tal-*one ways* li kellha tiġi introdotta. Huwa saqsa jekk it-tabelli humiex f'posthom u jekk le meta dawn ser ikunu lesti. Fuq dan l-istess punt il-Kunsillier Ray Attard staqsa jekk is-sistema li għanda tidhol hijiex dik finali approvata min Transport Malta. Is-Sindku irrisponda billi qal li s-sistema li hemm preżenti fuq il-pjanti hija finali kif ġiet ssuġġerita wkoll min Transport Malta. Hawnhekk il-Kunsillier Attard reġa' tenna li din hija pjanta draft u mhux finali. Is-Sindku sostna wkoll illi t-tibdiliet li kien issuġġerixxa l-istess Kunsillier Attard kienu saru parti mis-sistema.

1.3. Il-Kunsillier Steven Axisa kompla fuq dan is-suġġett u qal li hemm tgergir mir-residenti dwar is-sistema kif bdiet topera fi Triq Lampuka. Is-Sindku irrisponda li kien hemm bosta residenti oħrajn li faħħru s-sistema u qal li ċert li dan ser iwassal biex it-traffiku ikun immaniġġjat aħjar fil-lokalita. Il-Kunsillier Ray Attard żied illi t-toroq ta' Paola m'humiex magħmula għal *two way.* Kien hemm qbil li sakemm tindera is-sistema huwa ovvju li ser ikun hemm problemi. Hawnhekk il-Kunsillier Steven Axisa talab li ssir laqgħa mar-residenti fuq dan ir-rigward.

1.4. Għal mistoqsija tal-Kunsillier Lynch is-Sindku irrisponda illi dawn għandhom ikunu kollha installati sat-tmiem ta' din il-ġimgħa.

1.5. Il-Viċi Sindku xtaq jitkellem dwar punt 2.3.2 u xtaq iżid li l-ispejjeż tal-Kunsill kienu naqsu wkoll minħabba li kienu tnaqqsu żewġ pagi.

## 2. Amministrazzjoni tal-Kunsill - Servizz ta' l-internet u telephone

2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill kellhu mal-kumpanija tat-telekomunikazzjoni Ozone kien wasal biex jiġġedded. Għalhekk is-Segretarju ġabar il-kwotazzjonijiet mingħand il-kumpaniji Ozone, Melita u Go u instagħab illi dik ta' l-Ozone hija l-aktar offerta vantaġġuża. Is-Segretarju ppreżenta it-tabella annessa dwar l-offerta offruta mill-Ozone li turi li l-Kunsill għandu jiffranka mal-€100 fix-xahar.

2.2. Dwar l-internet is-Segretarju semma illi billi l-internet kellu jiġi aktar b'saħħtu minħabba il-live streaming tal-laqgħat huwa ġabar kwotazzjonijiet mingħand il-kumpaniji Melita, Ozone u Go. Is-Segretarju informa lil Kunsilliera li kien qed jitlob lill-kumpaniji joffru wkoll sistema li biha ikun hemm wifi fil-bandli. Il-Kumpanija Melita kellha l-aħjar offerta u offriet ukoll li tinstalla l-Wifi b'xejn fil-bandli.

2.3. Il-Kunsill approva l-offerti ta' Ozone għat-telefon u l-Melita għall-Internet.

## 3. Toroq tal-PPP

3.1. Is-Sindku talab sabiex jinterrompi l-aġenda u jmur għall-punt nr. 3 u stieden ukoll lil Perit tal-Kunsill Christopher Mintoff, li ġie mitlub jattendi għal din il-parti tal-laqgħa, sabiex jagħti *update* dwar il-proġett tat-toroq tal-PPP.

3.2. Il-Perit ta' l-ispjega tiegħu fejn ġew rrimarkati dawn il-punti:

3.2.1. L-ispiża tat-toroq qed tkun aktar ogħla minn dik stmata minħabba l-fatt li wara li ġie approvat il-proġett tal-PPP daħlet proċedura fis-seħħ illi kienet tgħid illi kull triq li titqaxxar iridu jinbidlu fiha is-servizzi ta' l-ilma. Għalhekk il-Kunsill ikun obbligat sabiex jaħseb għall-ispiża tal-bdil ta' dawn is-servizzi. Minħabba li kellhom jinbidlu is-servizzi saret ħsara estensiva lill-bankini u għalhekk kellhom jitranġaw dawn ukoll.

3.2.2. Il-Perit qal li bil-budget prinċipali ta' dan il-proġett qed isiru inqas toroq minn dawk maqbula fil-bidu però dawn qed isiru bl-aħjar mod possibbli.

3.2.3. L-ispiża li kienet oriġinarjament stmata taħt dan il-proġett (inkluż ukoll 10% kontinġenza) kienet dik ta' Euro 278,507 u bħalissa hemm BOQs għall-valur ta' madwar Euro 200,000 li intefqu fuq tlett toroq li huma Inverness, Tifkira u San Edwardu.

3.2.4. Il-Kunsillier Raymond Attard sostna li t-tender ma jinkludix il-bankini u lanqas is-servizzi. Dwar dan il-Viċi Sindku staqsa jekk qatt inħargitx sejħa għal xogħol tal-bankini. Is-Sindku irrisponda li tender dwar dan ma inħargitx għax fit-tender oriġinali l-ispejjeż relatati mal-bankini kienu inklużi fis-*Schedule of rates*. Il-Kunsillier Ray Attard u l-Viċi Sindku sostnew li l-fatt li hemm ir-rati ma jfissirx li l-bankini qatt setgħu saru. Infatti il-prezz tal-proġett tal-PPP ħareġ biss bil-prezz tal-wiċċ tat-toroq. Issemma wkoll mill-Kunsillier Attard li lanqas is-servizzi ma huma inklużi. Għal dan is-Sindku irrisponda li hemm 30% tal-ispejjeż li jinataw lura mid-dipartiment.

3.2.5. Il-Kunsillier Attard qed jitlob il-parir tad-dipartiment għal-Gvern Lokali dwar dan speċjalment għall-fatt li sar xogħol fuq il-bankini. Il-Kunsillier Attard qal illi filwaqt illi jifhem illi l-bankini kellhom isiru, l-ispiża tagħhom qatt ma' kienetx inkluza.

3.2.6. Il-Kunsillier Attard kompla billi fakkar lil membri tal-Kunsill illi meta l-valur tax-xogħol ikun jaqbeż il-valur stipulat bit-tender b-aktar minn 10% dak l-istess tender jaqa'. Hawnhekk il-Kunsillier Attard talab lis-Segretarju Eżekuttiv jikteb lid-Dipartiment sabiex jitlob linji gwida dwar kif suppost mexa il-Kunsill fid-dawl tal-fatt illi l-ispiża inqabżet b'aktar minn 10%. Bħala Kunsillier sostna illi huwa m'huwa ħa jkun qatt responsabbli għall-infieq ta' dan it-tender fid-dawl ta' kif inqabeż l-ammont oriġinali.

3.2.7. Is-Sindku fakkar illi kien hemm qbil illi l-ewwel isiru parti mit-toroq sabiex umbagħad il-Kunsill ikun f'pożizzjoni jiddiskuti kif ser jimxi fuq it-toroq l-oħra.

3.2.8. Il-Kunsillier Axisa reġa' tenna bħal ma kien għamel f'Laqgħa numru 32 illi huwa mportanti ferm li nibqgħu mal-budget prinċipali sabiex barra min hekk ma jintefqux il-flus tal-Kunsill għal dan il-proġett biss.

3.2.9. Il-Kunsillier Attard fakkar illi huwa minn dejjem kien kontra l-proġett tat-toroq tal-PPP għaliex dan jitfa piż finanzjarju fuq il-Kunsilli futuri.

3.2.10. Il-Kunsill unanimament qabel li għanda tintalab id-direzzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-punti imsemmija fuq.

3.2.11. Il-Viċi Sindku saqsa jekk il-Kumitat tal-Finanzi kienx avviċinat fuq dan. Hawnhekk il-Kunsillier Axisa tenna illi huwa bħala membru ta' dan il-kumitat attenda darba għal-laqgħat għax kien indispost minħabba raġunijiet u għalhekk qed jirtira minn dan il-kumitat.

3.2.12. Is-Sindku kompla billi semma illi l-Kunsill wasal sabiex jagħmel l-ewwel pagament lill-kuntrattur V&C tax-xogħol illi sar fit-toroq li huma kompluti. Il-Kunsillier Attard qal li huwa ser japprova l-pagamenti sa Euro 260, 000, dejjem skond it-tender oriġinali tal-PPP. Il-Kunsill approva li isir l-ewwel parti tal-pagament (40% tal-ispiza) fuq toroq Inverness, Tifkira u San Edwardu.

3.2.13. Is-Sindku qal ukoll illi kif ikollna l-kumplament tal-BOQs naraw jekk id-dipartiment hux ser jaċċetta li l-ammont mgħoti għas-seba' toroq imurx għall-ħamsa jew inkella isiru is-seba' toroq oriġinarjament ippjanati.

3.3. Hawnhekk il-Perit Chris Mintoff telaq mill-laqgħa u komplew jiġu diskussi materji oħra.

**4) <u>Proġett ta' Aċċessibilita</u>**

4.1 Sargħet referenza għall-kompetizzjoni tas-segretarjat parlamentari għad-drittijiet ta' persuni b'diżabilita' u anzjanita' attiva bl-isem ta' A+ Accesability award fejn ser jingħata premju lil dak il-Kunsill Lokali li jagħmel proġett li bih iżid l-aċċessibilita fil-lokalita. (ittra annessa).

4.2 Il-Proġett irid ikun jiswa aktar minn Euro 3,000. Is-Segretarju tenna illi il-Kunsilli li jidħlu għal din l-inizjattiva iridu jlestu l-proġett li japplikaw bih tul din is-sena u mhux jistennew jekk hux ha jirbħu l-award jew le.

4.3 Is-Sindku semma ideat ta' affarijiet li jistgħu isiru bħal aċċessibilita aħjar fil-Paola Rehabilitation Centre jew inkella fejn il-Knisja ta' Lourdes. Sar qbil li l-Kunsill jikkonsidra l-progett ghal rampa ghal persuna b'dizabilita ghaz-zuntier tal-Knisja ta' Lourdes.

## 5) <u>Ħatra ta' bord tat-tenders</u>

5.1 Inħatar bord ta' tenders magħmul mis-Sindku Roderick Spiteri u l-Kunsilliera Bernard Lynch u Tyrone Muscat sabiex jiddeċiedi fuq dawn it-tlett tenders:

- Tender 1/14: *Ironmongery Supplies*
- Tender 2/14: *Upkeep and Maintanance of Soft Areas*
- Tender 4/14: *Service of Bulky Refuse*

## 6) <u>Punti Oħra</u>

5.1 Il-Kunsillier Muscat tkellem fuq il-problema li għad hemm residenti li joħorġu l-borża s-sewda ta' l-iskart nhar ta' Tlieta. Hemm fost l-oħrajn diversi ħwienet li mhux qed jikkooperaw ma' din is-sistema. Il-Kunsillier Attard semma li kieku għandna preżenza ta' aktar Green wardens il-problema tkun solvuta. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi l-Gvern qiegħed fl-istadju li jirranġa is-sistema tal-wardens biex tiżdied il-preżenza tagħhom kif ukoll fil-pjan maħruġ dwar l-iskart jenfasizza illi l-ħwienet għandhom ikollhom kuntrattur apposta li jieħu ħsieb il-ġbir ta' l-iskart.

5.2 Il-Kunsillier Muscat talab ukoll li ssir aktar attenzjoni għall-*Health & Safety* tal-ħaddiema. Is-Segretarju informa lill-Kunsilliera illi ser jinxtraw *high visibility vests* ġodda.

5.3 Il-Kunsillier Muscat talab ukoll li tiżdied mar-responsabbiltà ta' xi ħadd mill-Kunsilliera il-ħarsien tad-drittijiet ta' l-annimali. Il-Kunsilliera qablu li l-kunsillier Muscat ikollu din ir-responsabbiltà.

## 6) <u>Aġġornament</u>

6.1 Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7.20pm u ġiet aġġornata għal-15 ta' Mejju fil-5.30pm.

Approvati llum 15 ta' Mejju 2014

| | |
|---|---|
| ____________________________ | ____________________________ |
| Kurt Scerri | Roderick Spiteri |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |